**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2019**

**Talba Nru: 81/2018PM1**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Albert Caruana (K.I. 834352(M)), sija bil-polza u sija bil-ligi kif ukoll l-istess Albert Caruana**

**Vs**

1. **Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**
2. **Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv f'isem il-Kunsill Lokali Gzira**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Frar, 2018 permezz ta' liema l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannata ihallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta' elf tlett mija u tmienja u erbghin euro u erbghin centezmu (€1348.40) in kwantu ghas-somma ta' hamsin euro (€50) l-*excess payment* illi l-attur

Albert Caruana hallas in konnessjoni ma' dan il-kaz, u in kwantu ghas-somma ta' elf mitejn u tmienja u disghin euro u erbghin centezmu (€1298.40) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici ai termini tal-polza tal-assgurazzjoni relattiva, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Marzu, 2017 u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom ingunti in subizzjoni.

Ra r-risposta datata 27 ta' Marzu, 2018 permezz ta' liema l-Kunsill Lokali Gzira wiegeb illi t-talba tal-atturi ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess u dan ghas-segwenti ragunijiet :

1. Fl-ewwel lok, l-esponenti ma humiex responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi stante illi l-akkadut sehh unikament htija tal-attur Albert Caruana u dan kif ser jirrizulta aktar car waqt is-smiegh ta' din it-talba.
2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma huwiex il-legittimu kuntradittur tal-atturi. Kif se jigi muri waqt is-smiegh ta' din it-talba, din semmai, kellha tigi diretta biss kontra l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta.
3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jridu jaghtu prova tas-surroga allegatament miksuba minnhom.
4. Fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jridu jippruvaw l-fondatezza tat-talbiet taghhom.
5. Fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub anke mharsa l-principji tal-ekwita` u l-gustizzja, ma hux dovut.
6. Fl-ahhar lok, mill-bqija, it-tabiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra r-risposta datata 26 ta' Marzu, 2018 prezentata mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta fis-sens:

1. Illi preliminarjament, l-Awtorita` m'hijiex il-legittima kontradittrici stante li t-triq fejn sehh –allegat incident inkluz l-infrastruttura, il-bankina u kwalunkwe oggett fuq wicc it-triq ma jaqghux taht il-kompetenza tal-Awtorita` intimata.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migbura konta taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.
3. Illi minghajr pregudizzju gas-suespost, l-Awtorita m'hijiex responsabbli ghall-incident li allegatament sehh u ghad-danni allegatament sofferti.
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq l-atturi li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement id-danni reklamati qeghdin jigu kkontestati.
5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz l-Awtorita` m'ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ispejjez ta' din il-procedura, tal-ittra ufficjali li r-rikorrenti jaghmlu referenza ghaliha fit-talba u l-interessi legali. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur Albert u Lydia Caruana waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju, 2018 u ra d-dokumenti ezebit waqt l-istess seduta.

Sema' x-xhieda ta' Kumar Bonello u ta' Malcolm Aquilina waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju, 2018 u ra d-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta.

Ra n-nota tal-atturi u d-dokumenti ossija ritratti annessi mal-istess datata 24 ta' Settembru, 2018.

Sema' x-xhieda ta' WPC 251 Sally Anne Felice waqt is-seduta tal-31 t'Ottubru, 2018 u ra d-dokument ossija r-rapport tal-incident stradali ezebit mill-istess xhud waqt tali seduta.

Ra n-nota tal-atturi u d-dokumenti annessi maghha prezentata waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2018.

Ra n-nota tal-Kunsill Lokali intimat datata 28 ta' Dicembru, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Daniel Saliba u ta' Raymond Scicluna waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2019 u ra d-dokumenti ezebiti mix-xhieda rispettivi waqt tali seduta.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Daniel Saliba wkoll waqt is-seduta tat-28 ta' Frar, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Kenneth Agius waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2019 u ra d-dokument ossija fattura ezebita mill-istess xhud waqt tali seduta.

Ra n-nota tal-Awtorita` intimata u d-dokumenti annessi mal-istess.

Sema' x-xhieda tal-Perit Noel Gauci ta' Alberu u Lydia Caruana waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019

Sema' x-xhieda ta' Anthony Attard waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019.

Ha konjizzjoni tax-xhieda u l-provi kollha prodotti mill-partijiet rispettivi.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza odjerna tirrigwardja incident stradali illi fih kien involut l-attur Caruana meta waqt li kien qed isuq fi Triq Reggie Miller, il-Gzira tar sprall tal-hadid minn fuq il-bankina ghal fuq il-vettura tieghu u kkawza l-hsara li ghaliha l-atturi qed jitolbu li jigu kumpensati mill-intimati. Illi da parti taghhom kemm l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-Gzira qed jichdu r-responsabilita` taghhom ghall-akkadut.

Illi mill-aspett prettament legali jinsab deciz li:

*"Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi affidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' zvolgiment ghaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn ezekuzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sancit fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili.*

*Fl-ambitu ta' din it-tematika l-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (**Nru 9092, 5 ta' Lulju 2001**) kellha dan xi tghid:-*

*"Nell'esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opere pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di comune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'neminem laedere' in ossequio alla quale essa e` tenuta a far si che l' 'opus publicum' (in particolare una strada aperta al pubblico transito) non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosiddetto insidia o trabocchetto).*" (**Hugh P. Zammit v. Direttur tat-Toroq et.** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-23 ta' Jannar, 2004).

Illi fil-kaz in ezami irrizulta car li fi zmien antecedenti ghad-data tal-incident, l-Awtorita` intimata kienet wettqet xogholijiet estensivi fit-triq li fiha sehh l-incident u dana in preparazzjoni ghal dak li kellu jsehh bhala konsegwenza tal-progett tal-Kappara fejn l-istess triq kellha taghmel zmien utilizzata bhala 'diversion route'. F'dan is-sens xehed il-Perit Noel Gauci li kkonferma s-segwenti:

> "(e)*ffettivament kien hemm xogholijiet xi jsiru fi Triq Reggie Miller, il-Gzira, dawn kienu parti mill-fatt li Reggie Miller kienet tikkostitwixxi triq parti minn diversion route fi hdan il-progett tal-Kappara. Ix-xogholijiet f'Reggie Miller fil-fatt kienu pjuttost estensivi, nghid li fil-fatt kellna wkoll il-moghdija tal-ilma li kellha tigi mghoddija mill-gdid apparti xogholijiet ohrajn. Kien hemm ukoll xogholijiet ta' bankini u wkoll xogholijiet koncernanti servizzi ta' telekomunikazzjoni li kellhom isiru. Ghamilna fil-fatt* road reconstruction *mill-qiegh. (...) dawn ix-xogholijiet bdew ghall-habta tat-12 ta' Jannar u spiccaw ghall-habta tal-ahhar ta' Marzu tas-sena 2016. Inkunu hrigna certifikat u nkunu bdejna kif fil-fatt ghamilna nibdew naffetwaw hlasijiet lill-kuntrattur taghna. Fuq mistoqsija tat-Tribuna nghid li dan il-gutter partikulari suppost jikkostitwixxi parti mill-konkos tal-istess bankina. Ma jidhirlix li l-gradilja ta' fuq suppost ghandha tigi nvitata b'xi mod sa fejn naf jien din tigi klipjata biss. Dawn it-tip ta' gutters inkluz il-gradilja huma specifici ghal pedestrian areas. Nghid illi peress li dawn il-gradilji huma utilizzati f'pedestrian areas f'kaz li jintlaqtu minn karozza jista' jkun hem mil-kaz li dawn il-gradilji jinqalghu minn posthom. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li dawn il-gradilji ma humiex suppost illi jisporgu oltre l-bankina, suppost jaslu sat-tarf tal-kurtuna tal-istess bankina*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019 fol. 123 u 124 tal-process).

Illi konsegwentement ghal tali xogholijiet, fil-fatt, tali triq bdiet tigi utilizzata bhala *diversion route* ghat-traffiku sejjer lejn il-Bejt u dana kif jinsab ukoll konfermat tramite d-dokumentazzjoni ezebita minn Raymond Scicluna, skrivan tal-kamra tad-Deputati fejn jinghad li "*Traffic coming from Paceville tunnels can flow through Triq Reggie Miller to Rue D'Argens, through The Strand Gzira and ix-Xatt ta' Ta' Xbiex towards Valletta*" (fol. 181 tal-process). Huwa inkontestat, anke tramite x-xhieda ta' Dr. Daniel Saliba, Junior Legal Officer fi hdan il-Legal Department tal-Gvern Lokali, li matul dan iz-zmien,

it-triq kienet taqa' fil-kompetenza tal-Awtorita` intimata ("*Per korrettezza nghid li skont il-ligi jekk it-triq tkun fi stat ta' rikostruzzjoni din ma taqax taht il-kompetenza tal-Kunsill lokali. Nghid li f'dak il-kaz tali xogholijiet jaqghu that il-kompetenza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta jew tal-Infrastructure Malta.*"). Tali xhieda hija fil-fatt in linea ma' dak provdut taht l-**Att dwar il-Gvern Lokali**, senjatament l-art. 33 li jelenka r-responsabiltajiet tal-Kunsilli Lokali, anke qabel l–emendi ricenti ghall-istess.

Illi madanakollu fid-data tal-incident ossija l-5 t'Ottubru, 2016 it-triq regghet waqt fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali tal-Gzira tant illi s-Segretarju Ezekuttiv tal-istess ikkonferma li:

> "*Ir-responsabilita` ghax-xogholijiet li kienu qeghdin isiru kienet tal-Gvern Centrali, ma kien hemm l-ebda involvement min-naha tal-Kunsill Lokali tal-Gzira peress li dawn ix-xogholijiet kienu parti mix-xogholijiet aktar estensivi li kienu qeghdin isiru fuq il-bridge. Baghtna l-*handyman *taghna peress li sussegwentement wara li gew terminati x-xogholijiet il-manutenzjoni ta' dik it-triq taqa' fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali. Nghid li prezentement ahna niehdu hsieb il-*maintenance *ta' din l-istess triq pero` nghid li ahna ma konniex involuti fir-rigward tal-progett li kien qed isir kif diga` xehedt. Responsabilita` ghal dan il-progett kien f'idejn Transport Malta. Manutenzjoni nghid li ghandi tlieta min-nies li jduru t-toroq li suppost iwettqu dawn il-manutenzjonijiet anke meta ma jkunx hemm ilment u jindunaw li hemm xi haga hazina. Ghandi wkoll kuntrattur u f'dan il-kas fil-fatt dan il-*handyman *li jien bghatt kien wiehed minn dawn il-kuntratturi li jiena ghandi.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019 a fol. 133 tal-process).

Irrizulta fil-fatt li Triq Reggie Miller m'hijiex meqjusa bhala wahda arterjali u distributorja ai fini tar-Raba' Skeda tal-**Att dwar il-Gvern Lokali** u kwindi salv ghal dak li jinghad hawn fuq fir-rigward tax-xogholijiet estensivi li saru fiha, il-kompetenza

ghaliha ordinarjament taqa’ f’idejn il-Kunsill Lokali tal-Gzira. Ma tressqet ebda prova ta’ xi ftehim bil-kontra ta’ dan bejn l-Awtorita` u l-Kunsill Lokali.

Illi konsegwentement ghas-surreferit it-Tribunal isib li, mill-provi prodotti fil-kaz in ezami, irrizultaw nuqqasijiet li ghandhom jigu attribwiti kemm lill-Awtorita` intimata u kif ukoll lill-Kunsill Lokali intimat u dana ghas-segwenti ragunijiet:

1. Tenut kont dak li jinsab ritenut skont il-kazistika hawn fuq citata huwa car li l-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta kienet responsabbli ghax-xogholijiet ikkummissjonati minnha skont ix-xhieda tal-Perit Noel Gauci. F’dan ir-rigward irrizulta car li t-tqeghdin tal-isprall mertu tal-kawza odjerna kien jifforma parti mix-xogholijiet ikkummissjoni mill-istess Awtorita`. Il-fatt li sussegwentement ir-responsabilita` ta’ tali triq regghet irrevertiet lura ghand il-Kunsill Lokali intimat ma jgib fix-xejn il-fatt li, legalment u in linea mal-art. 1031(2) tal-**Kodici Civili**, l-Awtorita` intimata baqghet responsabbli ghall-hsara kollha naxxenti mix-xogholijiet ikkummissjonati u/jew imwettqin minnha kif konfermat mill-Perit Gauci. Kif inghad, certament li t-tqeghdin tal-isprall mertu tal-kawza kien jifforma parti minn tali xogholijiet u kwindi, jekk tali tqeghid sar hazin, kienet u tibqa’ responsabbli l-Awtorita` intimata bhala l-entita` pubbliku responsabbli ghal tali xogholijiet.

2. Madanakollu, lilhinn mis-surreferit, jehtieg li jigi nutat kif l-incident mertu tal-kawza sehh ferm wara d-data li fiha l-kompetenza ghat-triq irrevertiet lura f’idejn il-Kunsill lokali intimat. F’dan ir-rigward apparti dak li jinsab provdut taht l-art. 33 tal-**Att dwar il-Gvern Lokali** (u li kien hemm provdut anke qabel l-emendi ricenti), huwa l-istess Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali intimat li kkonferma tramite x-xhieda tieghu li « *din it-triq u cioe` Reggie Miller taqa’ entro l-kompetenza tal-Kunsill Lokali intimat tal-Gzira, nghid pero` li fiz-zmien li kienu qeghdin isiru x-xogholijiet li semmejt il-kompetenza kienet f’idejn Transport Malta. (...)* ». F’dan ir-rigward ix-xhud jikkontradici ruhu billi fl-ewwel verzjoni

moghtija minnu jghid li l-kompetenza tat-triq irrevertiet lura ghand il-Kunsill Lokali meta « *x-xogholijiet fi Triq Reggie Miller effettivament kienu lesti* » biex imbaghad, fuq mistoqsija tat-Tribunal, xehed li « *madanakollu l-kompetenza fir-rigward ta' din it-triq regghet giet lura f'idejn il-Kunsill Lokali ntimat meta ufficjalment spiccaw ix-xogholijiet tal-Kappara Junction. Dawn ix-xogholijiet gew terminati fis-sena elfejn u tmintax (2018)* ». F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghar-regolament 3 tal-**Avviz Legali 29 tal-2010 (illum sostitwit bl-Avviz Legali 291 tal-2018)** minn fejn jirrizulta car li ghalkemm l-Awtorita` hija responsabbli ghall-kostruzzjoni mill-gdid tat-toroq, fejn it-triq m'hijiex arterjali u lanqas distributorja, it-titjib u l-manutenzjoni taghha ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali proprju skont l-art. 33 tal-**Att dwar il-Kunsilli Lokali** (illum **Att dwar il-Gvern Lokali)**. Konsegwentement huwa car li wara li spiccaw ix-xogholijiet fi Triq Reggie Miller ma kien hemm xejn li kien legalment jeskludi l-kompetenza tal-Kunsill Lokali intimat. Il-fatt wahdu li t-triq kienet qed tintuza bhala parti minn *diversion route* ma jgibx li ghaldaqshekk it-triq ghandha tigi kkunsidrata arterjali u/jew distributorja stante mhux biss il-lista ezebita f'dawn l-atti bhala dok. TM2 (fol. 111 et seq) imma wkoll ix-xhieda ta' Dr. Daniel Saliba in rapprezentanza tal-istess Dipartiment tal-Gvern Lokali fis-sens illi huwa biss sakemm jirrigwardja x-xogholijiet ta' rikostruzzjoni li l-kompetenza taqa' f'idejn l-Awtorita` intimata, impregudikata r-responsabilita` ordinarja tal-Kunsill Lokali ghall-manutenzjoni tal-istess triq. Fil-fatt ma tressqet ebda prova li Triq Reggie Miller ghamlet xi zmien partikulari ikkunsidrata bhala triq arterjali u distributorja jew li xort'ohra baqghet fil-kompetenza tal-Awtorita` intimata anke wara li spiccaw ix-xogholijiet fiha. Anzi, ix-xhieda ta' Dr. Daniel Saliba hija proprju fis-sens oppost ghal dan stante li, kif inghad, tikkonferma li huwa biss waqt li jkunu ghaddejjin ix-xogholijiet ta' rikostruzzjoni tat-triq li din tohrog mill-kompetenza tal-Kunsill Lokali u mhux ukoll wara. Perdipiu` irrizulta wkoll li, wara li sehh l-incident *de quo*, kien proprju l-Kunsill Lokali intimat li assuma r-responsabilita` sabiex iwettaq it-tiswijiet necessarji fl-isprall (ara f'dan is-sens xhieda moghtija

minn Anthony Attard fis-sens li: "*kif jiena ircevejt dan l-ilment kif xhedt bghatt il-handyman, ra x'kien hemm hazin u fil-fatt wettaq ix-xogholijiet*"). Skont ma gie ivverbalizzat waqt is-seduta tas-17 t'Ottubru, 2019 il-Kunsill Lokali intimat baqa' ma rrintraccjax il-*job sheets* relattivi ghal tali xogholjiet ta' tiswija.

3. Illi fir-rigward tal-isprall, huwa minnu li l-avukat difensur tal-Awtorita` intimata pruvat tikkontendi li l-isprall ma jigix invitat imma ikklipjat f'postu sabiex ikun jista' jigi imnaddaf facilment. Madanakollu xejn minn dan ma rrizulta mill-provi prodotti; inghad biss li tali sprall jigi klippjat ghaliex huwa intiz ghall-*pedestrian area* imma, bil-kontra ta' dan l-istess ritratti tal-isprall, jindikaw toqob intizi proprju sabiex dan ikun jista' jigi invitat f'postu u b'hekk ma jkunx jista' jiccaqlaq facilment (ara f'dan is-sens ritratti a fol. 104 u 126). Huwa car li kien jinkombi fuq l-Awtorita` li dawn l-ispralli jkunu mwahhlin b'mod sigur u kif suppost. Wara li x-xogholijiet ta' kostruzzjoni fit-triq spiccaw u l-kompetenza regghet waqghet f'idejn il-Kunsill Lokali, kien jinkombi wkoll fuq l-istess Kunsill Lokali li jinduna li tali sprall ma kienx imwahhal kif suppost bir-riskju evidenti post mhux biss ghas-sewwieqa imma anke ghall-utenti tal-bankina. Jidher minflok li mhux talli l-Kunsill Lokali ma ntebahx b'dan ir-riskju u ra kif ghamel sabiex jirrimedjah **<u>qabel tigi kkawzata l-hsara</u>** imma sahansitra lanqas biss kien intebah li r-responsabilita` ghaz-zamma tat-triq irrevertiet lura ghandu malli tlestew ix-xogholijiet fiha.

Illi, ghaldaqstant tenut kont tas-surreferit, huwa car li kemm l-Awtorita` intimata u l-Kunsill Lokali intimat ghandhom jigu ritenuti responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza. Tenut kont tar-responsabilitajiet partikulari taghhom u cioe` r-responsabilita` tal-Awtorita` ghat-tqeghid u c-certifikar tax-xoghoijiet u wkoll ir-responsabilita` tal-Kunsill Lokali ghall-manutenzjoni u titjib tat-toroq li jaqghu fil-kompetenza tieghu, it-Tribunal isib li z-zewg entitajiet ghandhom jinzammu responsabbli fi gradi ugwali bejniethom ghall-hsara sofferta mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident mertu tal-kawza odjerna li sehh madwar seba' xhur wara li t-triq giet rikostruwita. L-Onor Qorti tal-Appell

(Inferjuri) kienet ukoll waslet ghall-istess konkluzjoni meta kkunsidrat incident li fih l-atturi sofrew hsara derivanti minn hofra u tappiera fi triq li fuqha saru xogholijiet mill-Awtorita` intimata minkejja li ma gietx ikkunsidrata arterjali jew distributorja. Permezz tas-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited v. Kunsill Lokali Naxxar et.** deciza fil-5 ta' Frar, 2016 iddecidiet proprju li l-Kunsill Lokali intimat f'dawk il-proceduri kellu jinzamm solidalment responsabbli mal-Awtorita` ghat-Trasport ghall-hsara sofferta mill-atturi:

> « *Il-Kunsill ma jistax jigi ezonerat mill-obbligi ta' manutenzjoni gialadarba skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali hu responsabbli ghal manutenzjoni tat-toroq u ezonerat biss mit-toroq arterji u "stabbiliti" mill-Pjan Lokali. 'Il fatt li l-Kunsill qal li qatt ma wettaq manutenzjoni tat-triq ma jezonerahx gialadarba jidher li t-triq ghadha sal-lum ma gietx klassifikata bhala triq distributorja jew arterjali.*
>
> *iv. Min-naha l-ohra rrizulta wkoll mill-provi li l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta matul is-snin interveniet ukoll fuq il-manutenzjoni u riparazzjonijiet ta' Triq is-Salina. Is-senjalatika fit-triq in kwistjoni ukoll hadu hsiebha l-awtorita' appellanti. Ghalhekk ladarba l-awtorita' appellanti stess assumiet responsabiltajiet fuq din it-triq, ghandha wkoll responsabbilta'."*

L-istess ragunament huwa kjarament applikabbli ghall-kaz in ezami.

Illi finalment it-Tribunal ghandu jiddetermina wkoll jekk hemmx xi nuqqas li jista' jigi talvolta attribwit lill-attur fis-sewqan tieghu. F'dan ir-rigward it-Tribunal sema' kemm lill-attur u kif ukoll lill-martu jixhdu kemm in ezami u kif ukoll in kontro-ezami u jista' facilment jikkonkludi li m'hemm ebda nuqqas li jista' jigi b'xi mod attribwit lill-attur wisq anqas li kien xi nuqqas fis-sewqan tal-attur li kkawza l-incident mertu tal-kawza. Minn tali xhieda irrizulta kjarament li l-incident sehh proprju meta l-attur ra karozza tal-linja gejja fid-direzzjoni opposta ghalih u beda jimmanuvra aktar lejn il-bankina biex johloq spazju minn fejn tghaddi tali karozza tal-linja (« *Fuq mistqosija tat-Tribunal nghid*

*li bejn il-hin li jiena kont wieqaf sa x'hin gbidt aktar lejn in-naha tal-bankina in vista tax-xarabank li kienet gejja mid-direzzjoni opposta nghid li jiena soqt biss bejn metru jew zgur mhux iktar minn tul ta' karozza. Nghid li x'hin kont qed inwettaq din il-manuvra l-velocita` tieghi kienet wahda minima, nghid li wazi kwazi kienet velocita` ta' bniedem miexi.* » (ara f'dan is-sens xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju, 2018)). Huwa minnu li matul dawn il-proceduri saru diversi allegazzjonijiet li l-attur saq fuq il-bankina jew li jista' jkun li kien hemm terzi li sahansitra tefaw dan l-isprall fuq il-vettura imma minn dan kollu ma rrizulta xejn salv illi l-isprall tar ghall-fuq il-vettura meta l-attur immanuvra vicin il-bankina biex jaghmel spazju ghall-karozza tal-linja gejja minn faccata. Irrizulta wkoll li wara l-incident it-*tyre* tal-vettura tal-attur kien imtaqqab (ara f'dan is-sens ritratti a fol. 33 et. seq. tal-process). It-Tribunal ma jista' jirraviza xejn inkonsult fil-manuvra imwettqa mill-attur u certament li tali manuvra ma kien ikollha ebda effett li kieku l-isprall kien gie invitat sew f'postu minghajr ponot li jisporgu 'l barra mill-bankina. Il-hsara ravvizata wara l-incident, senjatament it-*tyre* imtaqqab u l-grif fuq ir-*rim* tar-rota, huma indikattivi tal-fatt li l-isprall – oltre li mhux invitat skont kif mehtieg mid-disinn tieghu stess - kien jisporgi l-barra mill-bankina u sahansitra nifed it-*tyre* u giref ir-*rim* tar-rota meta l-vettura nstaqet eqreb lejn il-bankina. Il-posizzjoni ta' tali toqba fit-*tyre* teskludi wkolll-allegazzjoni li l-attur rifes fuq il-bankina u/jew fuq l-isprall.

Illi fir-rigward tal-*quantum* mitlub, anke in vista tax-xhieda moghtija mis-*surveyor* Kumar Bonello (moghtija waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju, 2018 a fol. 23 et. seq tal-process) u mid-dokumentazzjoni ezebita bhala prova tas-surroga li sehhet kemm skont il-polza u kif ukoll skont il-ligi, it-Tribunal isib li t-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub huwa gustifikat.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti sakemm kompatibbli mas-surreferit, isib li l-konvenuti jahtu t-tnejn fi grad ugwali ghall-incident mertu tal-kawza odjerna u konsegwentement jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti fi kwoti indaqs bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta' elf tlett mija u tmienja u erbghin euro u erbghin

centezmu (€1348.40) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Marzu, 2017 u bl-interessi legali mid-9 ta' Marzu, 2017 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-istess konvenuti ukoll fi kwoti indaqs bejniethom.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**